# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR.  JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' Frar 2021**

**Talba Nru. 413/2017 JG**
**Numru fuq il-Lista: 7**

**Alfons Schwarte (ID 138162(A))**

**Vs**

**Christian Heinermann (Passaport Ġermaniż Nru: C4YMFP706)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-01 ta' Settembru, 2017, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jirrifondi s-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) mislufa lill-istess konvenut. Intalbu wkoll l-ispejjeż, inkluż ta' ittra legali u l-imgħax[1].

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2017, fejn il-konvenut eċċepixxa preliminarjament nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u mbagħad b'eċċezzjoni ġenerika li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt[2].

Ra s-sentenza preliminari datata 18 ta' Mejju, 2018 mogħtija minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut, permezz ta' liema, l-ewwel eċċezzjoni ġiet miċħuda.

Ra li l-attur xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018 u eżebixxa dokumenti[3]. L-attur reġa ta xhieda ulterjuri ukoll permezz t'affidavit[4];

Ra l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti hemm annessi[5];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[6];

Sema x-xhieda tal-attur in kontro-eżami[7];

Sema x-xhieda tal-konvenut in kontro-eżami[8];

Sema t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[9].

---

[2] A fol 8 *et seq.*
[3] A fol 43 *et seq.*
[4] A fol 53 *et seq.*
[5] A fol 63 *et seq.*
[6] A fol 78.
[7] Seduta tat-12 ta' Novembru 2020.
[8] Seduta tal-14 ta' Diċembru 2020.
[9] A fol 87 *et seq.*

Ra dak maqbul mill-konsulenti legali tal-partijiet, u ċioé li din is-sentenza tingħata bil-lingwa Maltija[10].

Ra l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-attur, fix-xhieda tiegħu, magħmula bil-modalitá hawn fuq indikata, spjega li l-konvenut kien klijent ta' soċjetá fejn l-attur huwa direttur. Jirriżulta li nitbet ħbiberija bejn il-kontendenti u skond l-attur, f'mument fejn il-konvenut kellu xi problemi, huwa sellef l-ammont mitlub f'din it-talba lill-konvenut. Mistoqsi jekk kienx talab il-flus lura, huwa wieġeb fl-affermattiv u eżebixxa dokumentazzjoni in sostenn ta' dan. Fl-affidavit mbagħad jiċċara li s-soċjetá Euro Tax, fejn huwa direttur, hija allegatament kreditriċi ta' xi somom oħra minn s-soċjetá fejn il-konvenut huwa azzjonist, u ta' soċjetá oħra li għandha relazzjoni fis-soċjetá fejn l-konvenut huwa azzjonist. Spjega li hemm proċeduri ġudizzjarji oħra pendenti fuq hekk. Matul il-kontro-eżami, baqa' jinsisti li huwa kien sellef dan l-ammont lill-konvenut u li dan ma kien x'jaqsam xejn ma xi safra li huma kellhom flimkien.

Illi minn naħa l-oħra, l-konvenut spjega, permezz ta' affidavit, li huwa u l-attur kienu ġew mistiedna sabiex jattendu laqgħa ġewwa l-Litwanja sabiex issir formazzjoni ta' kumpannija hawn Malta. Jgħid li kien hu li ħallas it-traġitt tal-ajru waqt li l-ispejjeż tal-lukanda ġew imħallsa minn min xtaq jidħol f'negozju magħhom. Sussegwentement peró, jgħid li minħabba nuqqas da parti tal-attur, dan in-negozju

[10] Seduta tal-14 ta' Diċembru 2020.

prospettiv sfaxxa fix-xejn. Peress li huwa kellu xi negozjati oħra man-nies ġewwa l-Litwanja, ħass il-ħtieġa li jirrifondi l-ammont tal-lukanda. B'hekk, jgħid li ħallas €666.50, u ċioé €502.50 għal-lukanda u €164 tat-traġitt. Spjega wkoll li huwa kien tkellem mal-attur fuq dan, u li l-attur kien ħallsu din is-somma (€666.50). Wara dan, ir-relazzjoni kummerċjali bejniethom spiċċat. Meta rinfaċċjat b'xi fatturi rigwardanti servizzi professjonali magħmula allegatament mis-soċjetá fejn l-attur huwa direttur, jgħid li huwa ma ħallasx għaliex skond hu, l-attur (jew il-kumpannija tiegħu) kienet negliġenti. Għalhekk hu jifhem li din il-kawża, u l-oħrajn imsemmija mill-attur, saru biss b'ritaljazzjoni.

Illi jidher ċar għalhekk li l-attur qiegħed jibbaża din l-istanza fuq self *brevi manu*[11].

Illi kif jirriżulta mir-riassunt hawn fuq prodott, l-verżjonijiet tal-kontendenti hija kemmxejn differenti. Jingħad ukoll li filwaqt li l-konvenut bbaża d-difiża tiegħu fuq eċċezzjoni ġenerika, waqt il-ġbir tal-provi irriżulta li qiegħed jikkontendi li għalkemm huwa kien irċieva xi flus, dawn ma kienux ngħataw lilu bħala self iżda bħala ħlas għal-akkomodazzjoni, anzi bħala restituzzjoni ta' ħlas li għamel il-konvenut għal tali akkomodazzjoni.

Illi dan it-Tribunal jinnota lill-provi miġjuba f'din it-talba huma essenzjalment ix-xhieda tal-kontendenti biss, apparti provi dokumentali. Minn dawn biss huwa mistenni jiġġudika dan it-Tribunal. In oltre, jiġi mfakkar li dan it-Tribunal kif

---

[11] Dwar it-tip ta' prova rikjesta issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Perit Ondre Camilleri vs Leslie Corney</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal li *"li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naha tieghu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta` kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju"*

presedut sema l-kontendenti jixhdu biss fl-istadju tal-kontro-eżami u għalhekk ma kienx f'qagħda li jara l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda waqt l-eżami magħmul lilhom.

Illi ddikjarat dan kollu, hija l-fehma tat-Tribunal li l-verżjoni tal-attur hija aktar kredibbli u dan għas-segwenti raġunijiet. Jingħad minn issa li l-verosimiljanza hija minna nnifisha forma ta' korroborazzjoni.

Illi rinfaċċjat b'numru ta' SMS ippreżentati mill-attur fejn intalab li jrodd lura l-flus imselfa lilu[12], l-konvenut għażel li ma jgħid xejn dwar dan. Filwaqt li l-avukat difensur tiegħu, fit-trattazzjoni finali qajmet dubju fuq jekk dan id-dokument huwiex suffiċjenti u jekk humiex fil-fatt l-istess kontendenti, t-Tribunal innota li mgħarraf b'dak id-dokument l-konvenut għażel li jibqa sieket. Ma jistax jippretendi allura l-konvenut lit-Tribunal jinjora kemm l-eżistenza u l-kontenut tagħhom. Fl-istess messaġġi, li dan it-Tribunal qiegħed iqis veritiera, huwa l-konvenut stess li rrikonoxxa li kien għaddej minn xi problemi f'dak iż-żmien, għalkemm dan imbagħad jinnegaħ fix-xhieda tiegħu.

Illi s-silenzju tal-konvenut fil-konfront anke ta l-ittri legali mibgħuta lilu[13] huwa bl-istess mod sinifikanti.

---

[12] F'dawn il-messaġġi wkoll, l-konvenut jgħid li kien sejjer iħallas lura fi żmien ġimgħa mill-14 ta' Lulju 2017. Hawn, fil-fehma tat-Tribunal, ż-żmien għar-radd lura ġie aċċertat mill-konvenut. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Iris Dalmas vs Ronnie u Carmen konjugi German</u>**, (Appell Civili Numru. 524/2002/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 2005.

[13] Jingħad li dawn l-ittri inbgħatu fl-istess indirizz fejn effetivament ġie notifikat l-konvenut bl-Avviż tat-Talba.

Illi t-tempistika tat-talba tal-attur għar-rifużjoni hija wkoll aktar verosimili, fejn jidher li l-ammont mitlub intalab meta r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ma baqgħetx waħda tajba. Jirriżulta minnu li l-konvenut oġġezzjona għal-ħlas ta' xi servizzi u amalgama dik l-oġġezzjoni wkoll ma dan is-self.

Illi wkoll, t-Tribunal iqis il-verżjoni tal-konvenut anqas verosimili. Fl-ewwel lok jirriżulta li l-ammont għal-akkomodazzjoni kellu jitħallas minn nies li stiednu lill-partijiet għal-laqgħa ġewwa l-Litwanja[14]. Dan jikkonfermah l-konvenut stess. Ma jirriżulta minn imkien li l-konvenut qatt talab lil-attur li jħallsu dan l-ammont u fil-fatt dan huwa nnegat. Jekk kien minnu li l-konvenut wara li rċieva l-ammont ħallas lura dan kollu lil dawn in-nies esteri, allura seta faċilment juri prova ta' dan. Kien jispetta peró lill-konvenut li jipprova, bi provi oġġettivi, li fl-ewwel lok n-nies esteri kienu għamlu ħlas, u li sussegwentement hu kien ħallashom lura. Il-ħlas irid jippruvah minn jallegah.

Illi dwar l-ammonti imsemmija rigwardanti t-traġitt ta' l-ajru, wkoll ma nġabet l-ebda prova. Prova li wkoll setgħet faċilment tinġieb. Għal darba oħra, il-prova tal-pagament hija doveruża fuq il-parti li tallega l-istess.

Illi t-Tribunal ma jqisx li l-attur ħallas lura dawn l-ammonti, anke fid-dawl tal-fatt, mingħajr ma jidħol fil-mertu tagħhom, tal-proċeduri ġudizzjarji oħra pendenti imsemmija aktar il-fuq. Filwaqt li dawn huma bejn soċjetajiet distinti u separati, l-partijiet f'din it-talba huma konnessi magħhom. Huwa nverosimili li filwaqt lis-soċjetá fejn l-attur huwa direttur tissokta bi proċeduri ġudizzjarji sabiex titħallas allegati debiti, l-attur iħallas lill-konvenut dan l-ammont.

[14] Dok A, anness ma l-affidavit tal-konvenut, li jinsab a fol 65.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet iqis it-talba tal-attur bħala ppruvata u ġustifikata.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni rimanenti tal-konvenut, jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) bl-imgħax bir-rata ta' 8% mill-1 ta' Settembru 2017 (data tal-preżentata tat-talba odjerna) sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tas-sentenza preliminari fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut[15] iżda mhux dawk tal-ittra legali msemmija fl-Avviż tat-Talba[16], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[15] Jirriżulta li f'dik is-sentenza ma kien hemm l-ebda ordni ta' ħlas ta' spejjeż. It-Tribunal iqis li dak it-Tribunal kif dakinhar ipprsedut kien ħalla dan riżervat u ssokta bis-smiegħ tat-talba.
[16] L-attur naqas li jipproduċi rċevuta fiskali.